VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,892, 15 ta' Lulju, 2022
Taqsima B

A.L. 203 tal-2022

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2022 dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku.

Sospensjoni temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-akkwist pubbliku. L.S. 601.03. L.S. 601.05.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 259 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u r-regolament 179 tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (safejn l-imsemmi regolament 179 jirreferi għar-regolament 259 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku), dawn ir-regolamenti jipprovdu għas-sospensjoni temporanja tal-projbizzjoni li tinsab fl-imsemmija regolamenti 259 u 179 (limitatament għal dak li jingħad hawn qabel), fid-dawl tal-ostilitajiet preżenti fl-Ewropa tal-Lvant u japplikaw biss għall-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna, liema sospensjoni temporanja tista' tingħata mid-Direttur tal-Kuntratti biss skont konformità stretta ma' dawn ir-regolamenti.

Applikabbilità.

3. (1) Talbiet għal kumpens għandhom isiru lill-awtorità kontraenti relattiva, u jistgħu jiġu kkunsidrati mid-Direttur tal-Kuntratti bil-kondizzjoni li l-kuntratt pubbliku li għalih tirreferi t-talba:

(a) għandu jkun ġie ffirmat fi jew qabel l-24 ta' Frar, 2022;

(b) kien għadu fis-seħħ fid-data msemmija fil-paragrafu (a); u

(ċ) jirreferi għal punti speċifiċi elenkati fi kwalunkwe dokument ta' politika msemmi fis-subregolament (2).

(2) Id-Direttur tal-Kuntratti jista' joħroġ tali dokumenti ta' politika kif jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien sabiex jiffaċilita u jirregola aħjar l-iskema ta' kumpens imsemmija f'dawn

ir-regolamenti.

Rekwiżiti addizzjonali.

4. L-ebda talba ma għandha tiġi kkunsidrata għal kumpens għal provvisti, xogħlijiet u, jew servizzi kkunsinnati jew mogħtija, kif ikun il-każ, qabel l-24 ta' Frar, 2022. L-awtorità kontraenti għandha tibgħat it-talba lid-Direttur tal-Kuntratti biss jekk jidhrilha li t-talba hi applikabbli, ġusta u raġjonevoli skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Kuntratti għandha tkun finali.

Kumpens.

5. Fejn id-Direttur tal-Kuntratti jagħti kumpens skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandu jkun speċifikatament mifhum u maqbul li tali għotja ma għandha bl-ebda mod tippreġudika l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, u s-sospensjoni temporanja tad-dispożizzjonijiet tapplika biss fuq bażi *ad hoc*. B'żieda ma' dan:

(a) id-Direttur tal-Kuntratti għandu jżomm record sħiħ ta' kull kumpens approvat, li għandu jiġi formalizzat permezz ta' żieda fid-dokumenti tal-kuntrratt; u

(b) il-ħlas ta' tali kumpens għandu jsir mill-awtorità kontraenti, u jkun jitħallas biss mill-istess awtorità kontraenti.

Għoti ta' kumpens.

6. Fl-għoti tal-kumpens skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur tal-Kuntratti għandu jkun iggwidat mid-dispożizzjonijiet ta' kuntratti pubbliċi, kif applikabbli, kif il-fraži hi mfissra fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, kif ukoll kull dispożizzjoni rilevanti li tinsab fl-imsemmija Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u, jew fir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali.

L.S. 601.03.

L.S. 601.05.

Skadenza.

7. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiskadu sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u l-ebda talba għal kumpens ma għandha tiġi aċċettata minn dik id-data 'l quddiem. Konsegwentement, fid-data msemmija, is-sospensjoni temporanja tad-dispożizzjonijiet li huma s-suġġett ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiskadu awtomatikament.